VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,970, 28 ta' Settembru, 2012
Taqsima B

A.L. 308 tal-2012

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)
Ordni tal-2012 dwar l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea,il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni huwa l-Ordni tal-2012 dwar l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dan l-ordni.

Jissostitwixxi l-Att dwar il-Karti tal-Identità, Kap. 258.

2. L-Att dwar il-Karti tal-Identità (Kap. 258) għandu jiġi sostitiwit bl-Att ġdid li ġej:

"Titolu fil-qosor.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2012 dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għal-karti tal-identità jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"detentur", rigward karta tal-identità, tfisser il-persuna li lilha tkun ġiet maħruġa;

"dokument għal residenza" tfisser dokument maħruġ taħt it-Taqsima B;

"dokument tal-identifikazzjoni" tfisser dokument maħruġ taħt it-Taqsima Ċ;

"dokument tal-identità" tfisser karta tal-identità, dokument għal residenza u dokument ta' identifikazzjoni maħruġ taħt dan l-Att;

"karta tal-identità" tfisser id-dokument maħruġ taħt it-Taqsima A;

"uffiċjal awtorizzat" tfisser l-uffiċjal pubbliku nominat mill-Prim Ministru bħala l-persuna awtorizzata sabiex toħroġ karti tal-identità, u, safejn tingħata setgħa kif hawnhekk iżjed 'il quddiem provdut, tinkludi kull persuna delegata għal hekk mill-uffiċjal pubbliku nominat bħala l-uffiċjal awtorizzat;

"persuna li ma ingħatatx l-asil" tfisser persuna li l-applikazzjoni tagħha għall-asil ġiet irrifjutata skont l-Att dwar ir-Rifuġjati;

Kap. 420.

"persuna li tfittex l-asil" tfisser persuna li tkun applikat għal asil skont l-Att dwar ir-Rifuġjati;

Kap. 420.

"preskritt" tfisser magħmula b'regolamenti taħt dan l-Att, l-Att dwar l-Immigrazzjoni jew l-Att dwar ir-Rifuġjati, skont il-każ;

Kap.217.
Kap. 420.

"Tribunal" tfisser it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

Kap. 490.

Ħruġ ta' dokumenti ta' identifikazzjoni lil diversi klassijiet ta' persuni.

3. B'żieda mad-dokumenti tal-identità kif imsemmi fl-artikolu 2, l-uffiċjal awtorizzat jista' joħroġ dokumenti li jservu bħala mezz sabiex jiġu identifikati l-klassi jew il-klassijiet ta' persuni kif jista' jiġi preskritt.

Taqsima A
KARTI TAL-IDENTITÀ

Pussess ta' karti tal-identità.

4. Kull persuna ta' nazzjonalità Maltija li għandha 'l fuq minn erbgħatax-il sena għandu jkollha fil-pussess tagħha karta tal-identità valida, u għal dawn il-finijiet, għandha tapplika għaliha skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, mhux aktar tard minn xahar wara l-għeluq tagħha ta' erbgħatax-il sena, jew fil-każ ta' persuni li huma ta' nazzjonalità Maltija u għadhom kemm irritornaw lura Malta bl-intenzjoni li jgħixu f'Malta b'mod permanenti, għandhom minnufih mar-ritorn tagħhom f'Malta, sakemm ikun il-każ, meta jkunu mitluba l-karta tal-identità fl-ewwel sitt xhur kemm ikun ilhom residenti, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 8(2) għandhom japplikaw.

Il-ħruġ u l-kontenut tal-karti tal-identità.

5. (1) Il-karti tal-identità għandhom jinħarġu mill-uffiċjal awtorizzat u għandhom ikunu awtentikati skont kif jista' jiġi preskritt.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Il-karta tal-identità għandu jkollha ritratt tal-persuna li lilha tkun ġiet maħruġa, liema, fl-opinjoni tal-uffiċjal awtorizzat, ikun verament jixbaħ lil dik il-persuna fil-ħin li ġiet maħruġa l-karta tal-identità u għandu jkun hemm fuqha wkoll id-data li fiha tindika l-bidu tal-validità tagħha u meta tiskadi, u n-numru tal-att ta' twelid tagħha kif mgħoti mir-Reġistru Pubbliku. Għandu wkoll ikollha l-firma jew kopja tal-firma reċenti tad-detentur, kif ukoll id-dettalji tal-persuna konċernata li ġejjin:

(a) isem u kunjom;

(b) l-indirizz tal-post prinċipali ta' residenza;

(ċ) sess;

(d) nazzjonalità;

(e) post u d-data tat-twelid,

u tista' tinkludi dawk id-dettalji jew informazzjoni oħra kif l-uffiċjal awtorizzat jidhirlu xierqa:

Iżda d-dokument jista' jinkludi wkoll isem u, jew kunjom li bihom il-persuna tkun komunement magħrufa, liema isem u, jew kunjom għandhom jiġu indikati bil-kliem "magħruf bħala" skont id-diskrezzjoni tal-uffiċjal awtorizzat. L-inklużjoni tal-kliem "magħruf bħala" qabel l-isem u, jew il-kunjom għandhom ikunu permessi biss jekk l-uffiċjal awtorizzat ikun sodisfatt li hemm raġunijiet suffiċjenti li jistħoqqilhom li jiġu inklużi. Id-deċiżjoni tal-uffiċjal awtorizzat għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji preskritti.

(3) Il-karta tal-identità għandha tkun magħmula minn dak il-materjal u b'dak il-mod li fl-opinjoni tal-uffiċjal awtorizzat jipprovdi sigurtà xierqa kontra l-falsifikazzjoni, it-tbagħbis jew il-modifikazzjoni tagħha, u għandha f'kull każ, tinkludi parti limitata fejn tista' tiddaħħal informazzjoni kodifikata li tinqara fuq magna sabiex tkun tista' ssir l-identifikazzjoni elettronika tad-detentur u liema informazzjoni tista' tinkludi informazzjoni rilevanti tad-data biometrika tad-detentur kif preskritt.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) L-użu ta' kull informazzjoni biometrika kif tista' tiġi miksuba tista' tintuża biss bħala mezz li permezz tagħha tiġi identifikata persuna waqt transazzjoni li fiha dik il-persuna hija involuta, u l-użu tal-verifikazzjoni tal-identità għandha teħtieġ il-kunsens tad-detentur. L-użu ta' din l-informazzjoni biometrika, għal xi raġuni oħra inklużi f'investigazzjonijiet kriminali, huwa pprojbit u jmur kontra l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data.

Kap. 440.

Użu illegali ta' data.

6. (1) Kull persuna li tħossha aggravata li intużat jew ġiet ipproċessata informazzjoni biometrika tagħha b'mod illegali tista' titlob rimedju lill-uffiċjal awtorizzat.

(2) Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet imsemmija qabel ta' dan l-Att, it-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni li jisma' u jiddeċiedi appelli magħmula minn min iħoss ruħu aggravat b'xi deċiżjoni tal-uffiċjal awtorizzat, dwar l-użu jew l-ipproċessar b'mod illegali ta' informazzjoni biometrika personali.

(3) It-Tribunal jista' jeħtieġ lill-uffiċjal awtorizzat jagħti lit-Tribunal dik l-informazzjoni jew dak il-parir li t-Tribunal iqis li hu meħtieġ għall-qadi xieraq tal-funzjonijiet tiegħu.

(4) Appell minn deċiżjoni tal-uffiċjal awtorizzat kif imsemmi qabel għandu jsir permezz ta' rikors u għandu jiġi ppreżentat lis-Segretarju tat-Tribunal fi żmien għoxrin ġurnata mid-data minn meta l-imsemmija deċiżjoni tkun ġiet notifikata.

Kap. 490.

(5) Id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, sa fejn japplikaw għat-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva, għandhom japplikaw għal kull proċedura quddiem l-imsemmi Tribunal u l-kliem "amministrazzjoni pubblika" fl-imsemmija liġi għandhom jinftiehmu bħala referenza għall-uffiċjal awtorizzat.

Validità ta', u applikazzjoni għal karta tal-identità

7. (1) Il-karti tal-identità għandhom jibqgħu validi għall-massimu ta' għaxar snin jew għal dak il-perjodu ieħor li jista' jiġi preskritt:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda l-Prim Ministru jista' f'kull żmien (barra mill-perjodu bejn ix-xoljiment tal-Parlament u t-tmiem tal-ewwel elezzjoni ġenerali li tkun saret wara dak ix-xoljiment), permezz ta' avviż fil-Gazzetta, jtemm b'dak il-mod u f'dik id-data partikolari kif jidhirlu xieraq, il-validità ta' kull, jew xi numri ta' karti tal-identità:

Iżda wkoll fil-każ li karta tal-identità tkun ġiet maħruġa lil persuna ta' nazzjonalità Maltija taħt is-sittax jew it-tmintax-il sena, dik il-karta tal-identità ma tibqax valida ġaladarba d-detentur tagħha jagħlaq is-sittax jew it-tmintax-il sena, skont il-każ. Dan id-detentur għandu l-obbligu li jara li l-karta tal-identità tiegħu tiġi maħruġa mill-ġdid mhux aktar tard minn xahar wara li jkun għalaq is-sittax jew it-tmintax-il sena.

(2) Meta d-detentur tal-karta tal-identità tkun il-persuna li japplikaw għaliha d-disposizzjonijiet tal-artikolu 4, din il-persuna għandha, mhux aktar tard minn xahar minn meta tkun skadiet il-validità tal-karta tal-identità, jew mhux aktar tard minn xahar wara li tintemm il-validità tal-karta tal-identità, skont kif jeħtieġ il-każ, tapplika għal karta tal-identità ġdida skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u għandha tirritorna lura l-kartà tal-identità invalida għal waħda ġdida.

Irtirar u tibdil ta' karti tal-identità.

8. (1) L-uffiċjal awtorizzat jista' jikkanċella karta tal-identità, u jista' jitlob lid-detentur sabiex jirritorna lura l-karta tal-identità sabiex b'hekk ikun jista' joħroġlu karta tal-identità oħra b'limitazzjonijiet ta' vvjaġġar u, jew b'restrizzjonijiet ta' firem elettroniċi. Dan għandu jsir f'kull waħda mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta jkun hemm fis-seħħ ordni tal-qorti jew minn tribunal imwaqqaf bil-liġi, li tkun tipprojbixxi lid-detentur milli jitlaq minn Malta mingħajr ma jitlob awtorizzazzjoni ta' dik il-qorti jew dak it-tribunal;

(b) meta d-detentur ikun aċċetta li jingħata ħelsien fuq garanzija taħt kundizzjoni li ma jitlaqx minn Malta mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti jew tat-tribunal;

(ċ) meta d-detentur ikun ġie meħlus minn detenzjoni mill-Pulizija Eżekuttiva bil-kundizzjoni li ma jitlaqx minn Malta mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-uffiċjal investigattiv taħt l-artikolu 355AL tal-Kodiċi Kriminali;

Kap. 9.

(d) meta d-detentur ma jistax jassumi responsabilità għall-għemilu skont ordni tal-qorti jew minn tribunal imwaqqaf bil-liġi, jew b'ordni magħmula minn xi awtorità li għandha dritt legali f'dan ir-rigward.

(2) Meta persuna ta' nazzjonalità Maltija tirritorna lura Malta bl-intenzjoni li tgħix f'Malta b'mod permanenti, il-karta tal-identità ma tkunx tista' tintuża għal skopjiet ta' vvjaġġar u għalhekk l-imsemmija karta għandha tiġi kkanċellata ġaladarba tkun inħarġet karta tal-identità ġdida 6 xhur wara r-ritorn skont kif imsemmi fl-artikolu 4.

Taqsima B
DOKUMENTI TA' RESIDENZA U DOKUMENTI OĦRA

Pussess ta' dokumenti għal residenza.

9. (1) Kull persuna li tgħix f'Malta, li ma tkunx ta' nazzjonalità Maltija, li ma tkunx persuna li qed tfittex l-asil jew persuna li ma ingħatatx l-asil, għandhu jkollha fil-pussess tagħha dokument għal residenza validu maħruġ skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni jew tal-Att dwar ir-Rifuġjati.

Kap. 217.
Kap. 420.

(2) Persuna li qed tfittex l-asil jew persuna li ma ingħatatx l-asil residenti f'Malta għandu jkollha fil-pussess tagħha dokument maħruġ skont d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, tal-Att dwar ir-Rifuġjati jew xi regolamenti magħmula taħthom, skont kif ikun il-każ.

Kap. 217.
Kap. 420.

Il-ħruġ u l-kontenut ta' dokumenti għal residenza.

10. (1) Dokumenti għal residenza kif imsemmija fl-artikolu 9, għandhom jinħarġu mill-uffiċjal awtorizzat u għandhom ikunu awtentikati skont kif jista' jiġi preskritt.

(2) Dokument għal residenza għandu jkollu ritratt ta' dik il-persuna li għaliha d-dokument inħareġ, u li fl-opinjoni tal-uffiċjal awtorizzat, ir-ritratt juri xebh vera ta' dik il-persuna f'dak iż-żmien li inħareġ id-dokument għal residenza. Dan id-dokument għandu wkoll ikollu l-firma jew kopja tal-firma reċenti tad-detentur, kif ukoll id-dettalji tal-persuna konċernata li ġejjin:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) isem u kunjom;

(b) l-indirizz tal-post prinċipali ta' residenza;

(ċ) nazzjonalità;

(d) post u d-data tat-twelid,

u jista' tinkludi dawk id-dettalji jew informazzjoni oħra kif l-uffiċjal awtorizzat jidhirlu xierqa:

(3) Id-dokument għal residenza għandu jkun magħmul minn dak il-materjal u b'dak il-mod li fl-opinjoni tal-uffiċjal awtorizzat, jew kif inhu stabbilit bil-liġi, jipprovdi sigurtà xierqa kontra l-falsifikazzjoni, it-tbagħbis jew il-modifikazzjoni tiegħu, u jista' f'kull każ, jinkludi parti limitata fejn tista' tiddaħħal informazzjoni kodifikata li tinqara fuq magna sabiex tkun tista' ssir l-identifikazzjoni elettronika tad-detentur.

(4) L-użu ta' kull informazzjoni miksuba waqt il-proċess tal-ħruġ tad-dokument għal residenza tista' tintuża biss għall-finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, tal-Att dwar ir-Rifuġjati u fil-leġislazzjoni sussidjarja relatata.

Kap. 217.
Kap. 420.

(5) Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet imsemmija qabel ta' dan l-Att, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 6(2), (3), (4) u (5) għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal persuni li jħosshu ruħhom aggravati mill-użu jew l-ipproċessar b'mod illegali tad-dettalji personali tagħhom.

Validità ta', u applikazzjoni għal-dokumenti ta' residenza.
Kap. 217.
Kap. 420.

11. Il-validità tad-dokument għal residenza għandu jkun regolat bid-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, tal-Att dwar ir-Rifuġjati u leġislazzjoni sussidjarja relatata jew skont kif jiġi determinat mill-uffiċjal awtorizzat.

Irtirar u tibdil tad-dokument għal residenza.

12. L-uffiċjal awtorizzat jista' jikkanċella dokument għal residenza u jista' jitlob lid-detentur ta' dokument għal residenza sabiex jirritorna dan id-dokument biex b'hekk ikun jista' jinħariġlu dokument ieħor b'restrizzjonijiet ta' firem elettroniċi. Dan għandu jsir meta sentenza tal-qorti tiddetermina l-inabilità tad-detentur li jassumi responsabbilità li jiffirma.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Taqsima Ċ
DOKUMENTI TA' IDENTIFIKAZZJONI

Pussess ta' dokumenti ta' identifikazzjoni.

13. Kull persuna li qed tfittex l-aċil u kull persuna li ma rnexxilhiex tikseb l-aċil għandu jkollha fil-pussess tagħha dokument ta' identifikazzjoni validu, maħruġ skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni, l-Att dwar ir-Rifuġjati jew xi regolamenti magħmula taħthom, skont kif ikun il-każ.

Kap. 217.
Kap. 420.

Ħruġ u l-kontenut tad-dokumenti uffiċjali.

14. (1) Dokumenti ta' identifikazzjoni għandhom jinħarġu mill-uffiċjal awtorizzat u għandhom jiġu awtentikati skont kif jista' jiġi preskritt.

(2) Dokument ta' identifikazzjoni għandu jkollu ritratt tal-persuna li lilha jkun inħareġ, liema fl-opinjoni tal-uffiċjal awtorizzat, ikun verament jixbaħ lil dik il-persuna fil-ħin li ġie maħruġ id-dokument għal residenza u għandu jkun hemm fuqu d-data li fiha tindika l-bidu tal-validità tiegħu u meta jiskadi. Għandu wkoll ikollu l-firma tad-detentur jew kopja tal-firma riċenti tad-detentur, kif ukoll id-dettalji tal-persuna konċernata li ġejjin:

(a) isem u kunjom;

(b) l-indirizz tal-post prinċipali ta' residenza;

(ċ) nazzjonalità;

(d) post u d-data tat-twelid,

u jista' jinkludi dawk id-dettalji jew informazzjoni oħra kif l-uffiċjal awtorizzat jidhirlu xierqa.

(3) Id-dokument ta' identifikazzjoni għandu jkun magħmul minn dak il-materjal u b'dak il-mod li fl-opinjoni tal-uffiċjal awtorizzat, jipprovdi sigurtà xierqa kontra l-falsifikazzjoni, it-tbagħbis jew il-modifikazzjoni tiegħu, u jista' f'kull każ, jinkludi parti limitata fejn tista' tiddaħħal informazzjoni kodifikata li tinqara fuq magna sabiex tkun tista' ssir l-identifikazzjoni elettronika tad-detentur.

(4) L-użu ta' kull informazzjoni miksuba waqt il-proċess tal-ħruġ tad-dokument ta' identifikazzjoni tista' tintuża biss għall-finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni u tal-Att dwar ir-Rifuġjati:

Kap. 217.
Kap. 420.

Iżda jkun illegali jekk id-detentur jippermetti li jiġi wżat dan id-dokument ta' identifikazzjoni minn persuna oħra.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Validità ta', u applikazzjoni għal dokumenti ta' identifikazzjoni. Kap. 420.

15. Il-validità ta' dokument ta' identifikazzjoni għandu jkun regolat skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, tal-Att dwar ir-Rifuġjati kif ukoll regolamenti magħmula taħthom jew skont kif jiġi determinat mill-uffiċjal awtorizzat.

Taqsima D

MIXXELLANJI

Applikazzjoni għal karta tal-identità.

16. (1) Applikazzjoni għall-ħruġ ta' dokument tal-identità għandha tkun magħmula fuq il-formula kif provduta mill-uffiċjal awtorizzat jew skont kif jiġi preskritt u għandu jkun hemm fiha dik l-informazzjoni u dawk id-dettalji u għandha tkun akkumpanjata b'xi dokumenti li jistgħu jkunu meħtieġa mill-uffiċjal awtorizzat jew skont kif preskritt. Kull ħtieġa, li b'xi mod tirriżulta minn xi formula imsemmija f'dan l-artikolu, għanda tkun meqjusa bħala ħtieġa mill-uffiċjal awtorizzat magħmula taħt dan l-artikolu.

(2) Applikazzjoni għandha ssir f'dak il-post jew f'dawk il-postijiet indikati mill-uffiċjal awtorizzat, jew skont kif preskritt, u l-applikazzjonijiet għandhom isiru mill-istess persuna li tkun qed tapplika.

Żamma tad-dokument.

17. (1) Kull persuna li lilha jkun inħareġ dokument ta' identità għandha tħarsu sew u għandha tipprovdih meta tiġi mitluba, jew kif preskritt, jew kif ikun meħtieġ bil-liġi, u, meta meħtieġ b'xi liġi, għandha tikkonsenja d-dokument lil xi awtorità leġittima:

Iżda persuna ma tkunx meħtieġa tikkonsenja dokument validu tal-identità kemm-il darba ma tkunx ġiet mogħtija riċevuta għalih mill-persuna li tkun teħtieġ il-konsenja tiegħu.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "awtorità leġittima" tfisser kull persuna jew awtorità awtorizzata bil-liġi li teħtieġ il-produzzjoni jew il-konsenja ta' karta tal-identità.

(3) Kull membru tal-korp tal-Pulizija jista' jeħtieġ lil kull persuna li lilha tkun inħareġ dokument tal-identità biex tipproduċi dak id-dokument malli tiġi hekk mitluba jew, jekk ma jkunx prattikabbli għal din il-persuna li tipproduċih malli tiġi hekk mitluba, għandha tipproduċih mhux iktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa wara t-talba.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Meta persuna tkun ikkonsenjat dokument tal-identità valida lil awtorità leġittima kif provdut f'dan l-artikolu, ir-riċevuta mogħtija lilha dwarha għandha, sakemm terġa' tiġi fil-pussess tagħha l-karta tal-identità, tkun prova biżżejjed li għandha dokument tal-identità validu.

Dokument ikun prova tal-identità tad-detentur.

18. Dokument tal-identità li ma jkun ġiex imbagħbas għandu, sakemm jispiċċa jew jintemm il-validità tiegħu, tkun prova tal-identità tad-detentur li jidher fuq id-dokument, u għandu jkun hekk aċċettat minn kull uffiċjal pubbliku jew awtorità kif ukoll minn kull persuni oħra.

Partikolaritajiet mhux korretti fuq il-karta.

19. (1) Meta għal xi raġuni xi waħda mill-partikolaritajiet jew xi tagħrif ieħor li jkun jinsab f'dokument tal-identità ma jkunx jew ma jibqax aktar korrett, id-detentur tad-dokument għandu, mingħajr dewmien, jirrapporta l-fatt lill-uffiċjal awtorizzat u għandu jikkonsenja d-dokument mhux korrett lil, u jagħti dak it-tagħrif kollu li jkun meħtieġ minn, dak l-uffiċjal.

(2) L-uffiċjal għandu jimmarka d-dokument b'mod li ma jitħassarx bħala "irtirat għax mhux korrett" u għandu joħroġ dokument ieħor minfloku.

Telf, distruzzjoni, eċċ., ta' dokument.

20. (1) F'każ li dokument tal-identità jiġi mitluf, misruq, distrutt jew sfigurat, id-detentur ta' dak id-dokument għandu, mingħajr dewmien, jirrapporta l-fatt lill-uffiċjal awtorizzat u, fil-każ ta' dokument sfigurat, jikkonsenja d-dokument sfigurat lil dak l-uffiċjal.

(2) Meta ssir applikazzjoni għall-ħruġ ta' dokument tal-identità minflok dokument mitluf, misruq, distrutt jew sfigurat, u mal-ħlas ta' dritt kif preskritt, l-uffiċjal awtorizzat, jekk sodisfatt li d-dokument ikun ġie mitluf, distrutt jew sfigurat u, fil-każ ta' dokument sfigurat, ikun ġie konsenjata kif meħtieġ b'dan l-Att, għandu joħroġ dokument ġdid.

(3) Ħlief kif provdut fis-subartikolu (2), jew kemm-il darba l-uffiċjal awtorizzat ma jkunx tal-fehma illi għandu, suġġett għal xi kondizzjonijiet li jidhirlu xieraq jaġixxi mod ieħor fiċ-ċirkostanzi, l-ebda dokument tal-identità ma għandu jiġi maħruġ dwar l-istess persuna kemm-il darba l-karti kollha maħruġa qabel dwar dik il-persuna, magħdud dokument li l-validità tiegħu tkun spiċċat, ma jkunux ġew konsenjati lil dak l-uffiċjal.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu dokument tal-identità jitqies bħala mitluf jekk l-uffiċjal awtorizzat ikun sodisfatt li ma tkunx jista' jinstab.

Dħul fuq il-karta.

21. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikoli 5(2), 10(2) u 13(2) dwar il-firma tad-detentur, l-ebda persuna barra mill-uffiċjal awtorizzat ma għandha tagħmel xi marka jew dħul fuq, jew tħassar, tikkanċella, tibdel jew tissostitwixxi xi marka jew dħul magħmul fuqu, jew xort'oħra tisfigura jew tiddistruġġi, dokument tal-identità.

Użu u pussess ta' karta ristretti għad-detenturi, eċċ.

22. (1) L-ebda persuna barra mid-detentur tiegħu, jew l-aġent tad-detentur fil-qadi ta' xi ħtieġa ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra f'isem id-detentur, ma għandu jkollha fil-pussess tagħha, jew tagħmel xi użu jkun li jkun, minn xi dokument tal-identità.

(2) Kull persuna li tiġi fil-pussess tagħha xi dokument tal-identità maħruġ lil xi persuna oħra għandha minnufih tikkonsenjah jew tibgħatu lid-detentur tagħha jew lill-uffiċjal awtorizzat.

(3) Kull persuna li permezz ta' ingann, jew bil-fatt li tonqos milli tirraporta l-irkupru ta' dokument li ġie rraportat mitluf, misruq jew distrutt u li jkollha fil-pussess tagħha aktar minn dokument wieħed tal-identità maħruġ dwarha, għandha mingħajr dewmien u personalment tirritorna dawk id-dokumenti lill-uffiċjal awtorizzat u għandha tikkonsenjalu dak id-dokument jew dawk id-dokumenti kif dak l-uffiċjal ikun jeħtieġ.

Setgħat biex isiru regolamenti.

23. Il-Prim Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jippreskrivi kull ħaġa li hi meħtieġa jew awtorizzata li tiġi preskritta b'dan l-Att u sabiex ikollhom effett sħiħ id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Reati u pieni.

Kap. 217.
Kap. 420.

24. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), l-Att dwar l-Immigrazzjoni u l-Att dwar ir-Rifuġjati, u tal-piena ogħla hemmhekk provduti, kull persuna li tikser jew tonqos li tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew xi regolamenti magħmula taħthom, jew xi ħtieġa tal-uffiċjal awtorizzat, teħel, dwar kull reat, multa kif jista' jiġi preskritt jew il-ħlas amministrattiv kif jista' jiġi stabbilit għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat.

(2) Kull persuna li -

(a) bil-ħsieb li tqarraq tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 21 jew tal-artikolu 22(1); jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) li tagħmel xi dikjarazzjoni falza, jew tagħti xi tagħrif falz, jew tipproduċi xi dokument falz, għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att, meta tkun taf li dan huwa falz; jew

(ċ) tiffalsifika dokument tal-identità jew xi dokument ieħor ikun li jkun meħtieġ minn, jew maħsub għal, xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att; jew

(d) tgħin jew tħajjar l-egħmil ta' xi reat kontra l-paragrafi ta' qabel ta' dan is-subartikolu, teħel, meta tinsab ħatja, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sentejn u mhux iżjed minn ħames snin.

Emenda konsegwenzjali tal-Att dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Kap. 467.

25. L-Att dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tal-artikolu 14 il-kliem "dokument ta' identità validu:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "dokument ta' identità validu." u l-proviso tiegħu għandu jiġi imħassar; u

(b) l-artikolu 16 għandu jiġi sostitwit kif ġej:

Tneħħija ta' isem mill-Elenku Elettorali.

"16. Persuna li isimha jkun jidher fuq l-Elenku Elettorali tista' f'kull waqt, bil-miktub titlob lill-Kummissjoni Elettorali tneħħilha isimha minn fuq dak l-Elenku Elettorali u malli jsir dan isimha għandu jitħassar mil-Elenku Elettorali.

Tħassir u riżerva. Kap. 258.

26. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), l-Att dwar il-Karti tal-Identità, 'l quddiem imsejjaħ "l-Att imħassar", huwa b'dan imħassar, mingħajr preġudizzju għal dak kollu li jsir jew li jonqos milli jsir taħtu.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu (1), kull azzjoni preskritta u meħuda taħt l-Att imħassar u kull proċedura kriminali li tinsab pendenti fir-rigward ta' reati li jinsabu fl-Att imħassar, għandhom ikomplu jkunu hekk preskritti, meħuda u ttrattati taħt dan l-Att, u d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom *mutatis mutandis*, japplikaw fir-rigward dik l-azzjoni preskritta u fir-rigward ta' kull proċeduri pendenti kriminali.".